# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 529/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Christopher Dunne**
**(ID 0119123(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2016 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€792.24) in konnessjoni ma' servizzi elettronici u ta' komunikazzjoni ('Limitless Home Pack Silver Interactive') li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40441841 liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti rikors kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-13 ta’ Marzu, 2017, 23 ta’ Marzu, 2017 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta’ Charmaine Wiffen (fol. 11 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici fis-seduta tat-23 ta’ Marzu, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ sebgha mija u tnejn u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€792.24) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici u ta’ komunikazzjoni prestati mis-socjeta’ attrici lill-istess konvenut bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**